MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 66/2004

**Quality Meat Products Limited**

**vs**

**Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Il-hlas tas-somma t’elf mija u tmenin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1180.28) liema ammont jirrapprezenta prodotti ta’ l-ikel u/jew merkanzija ohra mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu specifiku tieghu hekk kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dokument A liema somma ghada sa llum ma thallsitx, bl-ispejjez inkluz dak tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghax kummercjali skond l-anness Dokument A sad-

data tal-pagament effettiv kollox kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2004; f'liema data gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum li fiha l-kapitoli gew moqrija u dan minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1180.28c hlas ta' xoghol ta' merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata; bl-imghax legali mid-dati tal-konsenji sad-data tal-effettiv pagament; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------